MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' Frar, 2008

Numru. 156/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Paul Bond**

**vs**

**Marjan Paul Cini**

Il-Qorti:

Rat l-imputat Marjan Paul Cini iben Philip u Helen nee` Vella imwieled il-Pieta` fid-9 ta` Lulju, 1987 u residenti 115, Sweet Heaven, Triq Napuljun Caruana Dingli, Mellieha u detentur tal-karta ta` l-identita` numru 314487 (M) li gie imressaq quddiemha talli:-

Nhar it-30 ta` Jannar, 2005 wara nofs in-nhar gewwa l-Mellieha, aggredixxa lil John Cini u permezz ta` bicca hadida, ta daqqa fuq mohh l-imsemmi John Cini u kkagunalu griehi ta` natura gravi u dan skond ma` kif iccertifika t-tabib Dr. A. Formosa M.D. tac-centru tas-sahha tal-Mosta.

U aktar talli fl-istess data, hin u lok, l-imputat tefa` oggetti iebsa (gebla) fid-direzzjoni ta` l-istess John Cini.

U aktar talli kiser il-paci pubblika bl-ghajjat u l-glied.

Il-Qorti kienet mitluba li jekk jidrilha xieraq, biex tipprovdi ghas-sigurta` ta` John Cini jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubblika, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, turbot lil hati b`obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta` somma flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens ta’ l-Avukat Generali datat 28 ta’ Frar, 2005 sabiex fin-nuqqas ta’ oggezzjoni da parti ta’ l-imputat, din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghat lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar l-1 ta’ Gunju, 2005 ( a *folio* 5 tal-process) ai termini ta’ l-Artikoli 370 (4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-kaz jirigwarda glieda li allegatament nqalghat bejn l-imputat u zijuh John Cini fit-30 ta’ Jannar 2005 gewwa l-Mellieha fejn l-imputat allegatament tefa’ gebla lejn l-imsemmi John Cini u meta dan waqa mal-art l-imputat tah daqqa f’mohhu b’virga tal-hadid.

Permezz tal-ewwel akkuza l-imputat jinsab akkuzat li kkaguna griehi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ John Cini. Ghalkemm il-Prosekuzzjoni esebiet certifikat mediku (a folio 12 tal-process) rilaxxjat minn Dr. Aron Formosa li jiccertifika l-griehi sofferti minn John Cini bhal ta’ natura gravi meta xehed l-imsemmi tabib quddiem din il-Qorti fis-seduta tal-1 ta’ Frar 2007 dan spjega li huwa kien ezamina lil John Cini darba biss u cioe’ dakinhar tal-allegat incident u ghalhekk ma kienx ezamina il-feriti sussegwentement. Permezz ta’ digriet tal-1 ta’ Frar 2007 l-Qorti nnominat bhala espert mediku lil Dr. Victor Sultana bl-inkarigu li jikkonstata x’kienet in-natura tal-ferita sofferta mill-allegat vittma. Minn ezami tar-rapport tal-espert mediku (esebit a folio 30 tal-process jirrizulta li n-natura tal-griehi sofferti mill-allegat vittma kienu ta’ natura hafifa. l-Qorti taqbel pjenament mal-konkluzjonijiet tal-espert mediku minnha nominat u taghmel taghha l-istess konkluzjonijiet.

Fis-seduta tas-27 ta’ April 2006 deher l-allegat vittma John Cini li ddikjara li kien qed jahfer lill-imputat ghal dak li gara, fejn huwa rrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfronti tal-istess imputat u fejn l-allegat vittma gie ezentat milli jixhed. Una volta li gie stabbilit li n-natura tal-griehi sofferti mill-allegat vittma kienu ta’ natura hafifa u una volta li dan tal-ahhar irrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfronti tal-istess vittma din il-Qorti qed tiddikjara l-procediment ezawrit in kwantu jirrigwarda l-ewwel akkuza u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess akkuza. L-istess haga tinghad in kwantu jirrigwarda t-tieni akkuza, una volta li kien hemm ir-rinunzja da parti tal-allegat vittma l-Qorti qed tiddikjara l-procediment ezawrit u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess akkuza.

Permezz tat-tielet akkuza l-imputat jinsab akkuzat li kiser il-paci pubblika b’ghajjat u glied. Din l-akkuza bl-ebda mod ma giet pruvata mill-Prosekuzzjoni anki ghaliex iz-zewg persuni li kienu fuq il-post fejn allegatament sehhet il-glieda gew ezentati milli jixhdu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara l-procediment ezawrit in kwantu jirrigwarda l-ewwel u t-tieni akkuza u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess akkuzi u fuq nuqqas ta’ provi tiddikjara lill-imputat mhux hati tat-tielet akkuza u tilliberah mill-istess akkuza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------